San Pawl il-Baħar	Dirett Dominju Temporanju Appartment 8, Blokk D, 'Vela Vista', Triq il-Klamari	Ent. Ekklesjastika		LRA1583/2023
St Paul's Bay	*Temporary Direct Dominium Apartment 8, Block D, 'Vela Vista', Triq il-Klamari*	*Ecclesiastical Entities*		
San Pawl il-Baħar	Dirett Dominju Temporanju Garaxx Nru. 1, 'Vela Vista', Triq il-Baħħara	Ent. Ekklesjastika		LRA1584/2023
St Paul's Bay	*Temporary Direct Dominium Garage No. 1, 'Vela Vista', Triq il-Baħħara*	*Ecclesiastical Entities*		
San Pawl il-Baħar	Dirett Dominju Perpetwu Garaxx 13, Triq ir-Resort	Ent. Ekklesjastika		LRA1596/2023
St Paul's Bay	*Perpetual Direct Dominium Garage 13, Triq ir-Resort*	*Ecclesiastical Entities*		
San Pawl il-Baħar	Dirett Dominju Perpetwu plott magħruf 'Tal-Mieli' tal-kejl ta' 94m.k.	Ent. Ekklesjastika		LRA1709/2023
St Paul's Bay	*Perpetual Direct Dominium plot known 'Tal-Mieli' covering an area of 94s.m.*	*Ecclesiastical Entities*		
San Pawl il-Baħar	Dirett Dominju Perpetwu fond 'St John', Triq Sir Luigi Preziosi	Ent. Ekklesjastika		LRA1710/2023
St Paul's Bay	*Perpetual Direct Dominium Premises 'St John', Triq Sir Luigi Preziosi*	*Ecclesiastical Entities*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
San Pawl il-Baħar	1/2 indiviż garaxx 5, 'Jolevaton', Triq il-Fekruna	Vella John et		LRA1728/2023
St Paul's Bay	*1/2 undivided share of garage 5, 'Jolevaton', Triq il-Fekruna*	*Vella John et*		
San Pawl il-Baħar	1/2 indiviż garaxx 5, 'Jolevaton', Triq il-Fekruna	Vella John et		LRA1729/2023
St Paul's Bay	*1/2 undivided share of garage 5, 'Jolevaton', Triq il-Fekruna*	*Vella John et*		
San Pawl il-Baħar	Dirett Dominju Perpetwu garaxx Nru. 30, 'Cosmopolitan Apartments', Triq l-Istamnar, tal-kejl ta' 24m.k.	Ent. Ekklesjastika		LRA1779/2023
St Paul's Bay	*Perpetual Direct Dominium Garage No. 30, 'Cosmopolitan Apartments', Triq l-Istamnar, covering an area of 24s.m.*	*Ecclesiastical Entities*		
Santa Venera	B'dan qed navża li rċivejt mingħand l-Av. Ezabe Sara LRA1741/2023 korrezzjoni tal-applikazzjoni	Ent. Ekklesjastika		LRA1741/2023
Santa Venera	*I am here by giving notice that I have recevied from Dr Ezabe Sara application LRA 1741/2023 correction of application*	*Ecclesiastical Entities*		
Is-Siġġiewi	Appartament Nru. 8 Blokk 11, 'Alpha Court', Triq Lorenzo Gafà, u transferiment parzjali 09002809 u 09003183	Mallia Christian et		LRA1554/2023
Siġġiewi	*Apartment No. 8 Block 11, 'Aplha Court' ,Triq Lorenzo Gafà, and part transfr of 09002809 and 09003183*	*Mallia Christian et*		
Is-Siġġiewi	Dirett Dominju Perpetwu Art magħrufa 'Ta' Manfra', Plots B u C, tal-kejl 390m.k.	Ent. Ekklesjastika		LRA1630/2023
Siġġiewi	*Perpetual Direct Dominium land known as 'Ta' Manfra', Plots B and C, covering an area of 390s.m.*	*Ecclesiastical Entities*		
Is-Siġġiewi	Dirett Dominju Perpetwu Plott 8 magħrufa 'Tal-Kapella' tal-kejl ta' 184m.k.	Ent. Ekklesjastika		LRA1707/2023
Siġġiewi	*Perpetual Direct Dominium Plot 8 known as 'Tal-Kapella' covering an area of 184s.m.*	*Ecclesiastical Entities*		
Is-Siġġiewi	B'dan qed navża li rċivejt mingħand in-Nutar Micallef Andrea applikazzjoni LRA1769/2023 korrezzjoni tal-pjanti rilevanti	Farrugia Maio		LRA1769/2023
Siġġiewi	*I am here by giving notice that I have recevied from Notary Micallef Andrea application LRA 1769/2023 correction of relevant plans*	*Farrugia Maio*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Tas-Sliema	Subutile Dominju 1/4 indiviż fond Nru. 7, Stella Maris Band Club, Pjazza tal-Lunzjata, u trażmissjoni fuq 59003344	Darmanin Philippa		LRA1509/2023
Tas-Sliema	*Sub-utile Dominium 1/4 undivided share of No. 7, Stella Maris Band Club, Pjazza tal-Lunzjata, and transmission on 59003344*	*Darmanin Philippa*		
Tas-Sliema	Dirett Dominju Temporanju Penthouse Nru. 7, Blokk 7, Triq tal-Katidral	Ent. Ekklesjastika		LRA1577/2023
Sliema	*Temporary Direct Dominium Penthouse No. 7, Block 7, Triq tal-Katidral*	*Ecclesiastical Entities*		
Tas-Sliema	B'dan qed navża li rċivejt mingħand l-Uffiċċju Konġunt LRA1592/2023 korrezzjoni tal-pjanti rilevanti	Ent. Ekklesjastika		LRA1592/2023
Tas-Sliema	*I am here by giving notice that I have recevied from Joint Office application LRA 1592/2023 correction of relevant plans*	*Ecclesiastical Entities*		
Tas-Sliema	B'dan qed navża li rċivejt mingħand l-Uffiċċju Konġunt LRA1593/2023 korrezzjoni tal-applikazzjoni.	Ent. Ekklesjastika		LRA1593/2023
Tas-Sliema	*I am here by giving notice that I have recevied from Joint Office application LRA 1593/2023 correction of application*	*Ecclesiastical Entities*		
Tas-Sliema	Dirett Dominju Temporanju Fond 87, Triq Sant'Enriku, tal-kejl 49m.k.	Ent. Ekklesjastika		LRA1632/2023
Tas-Sliema	*Temporary Direct Dominium Premises 87, Triq Sant' Enriku, covering an area of 49s.m.*	*Ecclesiastical Entities*		
Tas-Sliema	Dirett Dominju Temporanju Fond 357, Triq Manwel Dimech, tal-kejl 163m.k.	Ent. Ekklesjastika		LRA1634/2023
Tas-Sliema	*Temporary Direct Dominium Premises 357, Triq Manwel Dimech, covering an area of 163s.m.*	*Ecclesiastical Entities*		
Tas-Sliema	Utile dominju Temporanju Mezzanin Nru. 13 qabel Nru. 6, Triq Beresford	Borg Franca et		LRA1643/2023
Tas-Sliema	*Temporary Utile Dominium Masionette No. 13 before No. 6, Triq Beresford*	*Borg Franca et*		
Tas-Sliema	Dirett Dominju Perpetwu Fond 32, Triq il-Knisja, tal-kejl 112m.k.	Ent. Ekklesjastika		LRA1740/2023
Tas-Sliema	*Perpetual Direct Dominium Premises 32, Triq il-Knisja, covering an area of 112s.m.*	*Ecclesiastical Entities*		
Ħal Tarxien	Dirett Dominju Temporanju Fond Triq it-Tamal l-Għarix ta' Santa Marija tal-kejl 153m.k.	Ent. Ekklesjastika		LRA1595/2023

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Ħal Tarxien	*Temporary Direct Dominium Premises Triq it-Tamal l-Għarix ta' Santa Marija covering an area of 153s.m.*	*Ecclesiastical Entities*		
Il-Belt Valletta	Fond 1, 8, 9, 10, Triq il-Lvant	Ent. Ekklesjastika		LRA1659/2023
Valletta	*Premises 1, 8, 9 , 10, Triq il-Lvant*	*Ecclesiastical Entities*		
Il-Belt Valletta	Dirett Domimnju Perpetwu Fond 71, Triq il-Merkanti	Ent Ekklesjatika		LRA1705/2023
Valletta	*Perpetual Direct Dominium Premises 71, Triq il-Merkanti*	*Ecclesiastical Entities*		
Il-Belt Valletta	B'dan qed navża li rċivejt mingħand is-Sur Galea Rosario applikazzjoni LRA1770/2023 korrezzjoni tal-pjanti rilevanti	Ent. Ekklesjastika		LRA1770/2023
Valletta	*I am here by giving notice that I have recevied from Mr Galea Rosario application LRA 1770/2023 correction of relevant plans*	*Ecclesiastical Entities*		
Il-Belt Valletta	Irtirar ta' parti mit-titlu 01001735			LRA1785/2023
Valletta	*Withdrawal of part of title 01001735*			
Iż-Żejtun	Art 'Ta' Delia', Triq Antonio Micallef	Enk Ekklesjastika		LRA1661/2003
Żejtun	*Land 'Ta' Delia', Triq Antonio Micallef*	*Ecclesiastical Entities*		
Iż-Żejtun	Dirett Dominju Perpetwu Dar 2, Triq il-Ġiebja Rumana, fuq plott 32 tal-kejl ta' 138m.k.	Cassar Carmelo		LRA1701/2023
Żejtun	*Perpetual Direct Dominium House 2, Triq il-Ġiebja Rumana, on plot 32 covering an area of 138s.m.*	*Cassar Carmelo*		
Iż-Żejtun	Dirett Dominju Perpetwu Fond 29 ġja 33, Triq ix-Xejba	Ent. Ekklesjastika		LRA1712/2023
Żejtun	*Perpetual Direct Dominium Premises 29 gia 33, Triq ix-Xejba*	*Ecclesiastical Entities*		
Iż-Żurrieq	Dirett Dominju Perpetwu Plott Nru. 27 magħrufa 'Ta' Bir Cuschieri' tal-kejl ta' 213.84m.k.	Ent. Ekklesjastika		LRA1598/2023
Żurrieq	*Perpetual Direct Dominium Plot No. 27 known as 'Ta' Bir Cuschieri' covering an area of 213.84s.m.*	*Ecclesiastical Entities*		
Iż-Żurrieq	Dirett Dominju Perpetwu Fond 34 'Fredmar', Triq Santu Formosa, tal-kejl ta' 164m.k.	Ent. Ekklesjastika		LRA1625/2023
Żurrieq	*Perpetual Direct Dominium Premises 34 'Fredmar', Triq Santu Formosa, covering an area of 164s.m.*	*Ecclesiastical Entities*		
Iż-Żurrieq	Dirett Dominju Perpetwu għalqa magħrufa 'Ta' Taħt iż-Żurrieq', Triq il-Qrendi	Ent. Ekklesjastika		LRA1706/2023

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Żurrieq	*Perpetual Direct Dominium field known as 'Ta' Taħt iż-Żurrieq', Triq il-Qrendi*	*Ecclesiastical Entities*		
Iż-Żurrieq	Dirett Dominju Perpetwu għalqa 'Ta' Balziona', Sqaq Barcellona, tal-kejl ta' 1800m.k.	Ent. Ekklesjastika		LRA1775/2023
Żurrieq	*Perpetual Direct Dominium field 'Ta' Balziona', Sqaq Barcellona, covering an area of 1800s.m.*	*Ecclesiastical Entities*		
Iż-Żurrieq	Dirett Dominju Perpetwu Fond Triq Kalcidon Gatt	Ent. Ekklesjastika		LRA1780/2023
Żurrieq	*Perpetual Direct Dominium Premises Triq Kalcidon Gatt*	*Ecclesiastical Entities*		
Iż-Żurrieq	Dirett Dominju Perpetwu art magħrufa 'Ta' Ġnien Sala' ġewwa Blue Grotto Avenue tal-kejl ta' 120m.k.	Ent. Ekklesjastika		LRA1781/2023
Żurrieq	*Perpetual Direct Dominium land known as 'Ta' Ġnien Sala' in Blue Grotto Avenue' covering an area of 120s.m.*	*Ecclesiastical Entities*		

L-applikazzjonijiet, pjanti tal-art u d-dokumenti ppreżentati magħhom jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru tal-Artijiet, Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta, bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. (ħinijiet tax-xitwa) u bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m. (ħinijiet tas-sajf).

Dott. Claude Sapiano, LLD
Reġistratur tal-Artijiet

Il-25 ta' April, 2023

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Valletta, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. (winter hours) and between 8.00 a.m. and 11.30 a.m. (summer hours).

Dr Claude Sapiano, LLD
Land Registrar

25th April, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 74

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Belt Valletta

Nhar il-Ħadd, 30 ta' April, 2023, mis-6.00 a.m. sal-11.59 p.m., minn Triq Ġilormu Cassar bejn Pjazza Kastilja u l-Monument tal-Gwerra, Pjazza Kastilja kollha, Triq Papa Piju V kollha u l-parkeġġ tal-Bank Ċentrali kollu.

POLICE NOTICE

No. 74

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Valletta

On Sunday, 30th April, 2023, from 6.00 a.m. till 11.59 p.m., through Triq Ġilormu Cassar between Pjazza Kastilja and War Memorial, all of Pjazza Kastilja, all of Triq Papa Piju V and all of Central Bank parking area.

It-trasport pubbliku (Valletta Circular Bus) jista' jkun affettwat.

L-għeluq tat-toroq isir skont il-bżonn.

Il-Birgu

Nhar il-Ħamis, 24 ta' Mejju, 2023, mill-4.00 p.m. sal-11.00 p.m., minn Triq il-Mina l-Kbira u Triq it-Torri ta' San Ġwann.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat mit-7.45 p.m. sal-10.00 p.m.

Bormla

Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Mejju, 2023, mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq il-Pellegrinaġġ;

Nhar it-Tlieta, 30 ta' Mejju, 2023, mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq il-Pellegrinaġġ.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat mis-6.30 p.m., sat-8.00 p.m.

Tal-Pietà/Il-Furjana/Il-Ħamrun/L-Imsida

Nhar is-Sibt, 3 ta' Ġunju, 2023, għeluq tat-toroq mid-9.30 p.m. sa nofsillejl, minn Triq l-Indipendenza, Tal-Pietà; Triq W. Bonnici, il-Furjana; Triq Sa Maison, il-Furjana; Triq Marina, Tal-Pietà; Triq Joe Gasan, il-Ħamrun; Notre Dame Ditch, il-Furjana; Xatt it-Tiben, il-Furjana/Tal-Pietà; Misraħ Ġużè Ellul, l-Imsida; and Xatt tal-Imsida,

Nhar is-Sibt, 3 ta' Ġunju, 2023, clearance tat-toroq, mis-6.00 p.m. sa nofsillejl, mit-Telgħa ta' Sa Maison, il-Furjana.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-25 ta' April, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 75

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu

Public transport (Valletta Circular Bus) may be affected.

Closure of streets will be done as required.

Vittoriosa

On Thursday, 24th May, 2023, from 4.00 p.m. till 11.00 p.m., through Triq il-Mina l-Kbira and Triq it-Torri ta' San Ġwann.

Public transport may also be affected from 7.45 p.m. till 10.00 p.m.

Cospicua

On Friday, 5th May, 2023, from 3.00 p.m. till 9.00 p.m., through Triq il-Pellegrinaġġ;

On Tuesday, 30th May, 2023, from 3.00 p.m. till 9.00 p.m., through Triq il-Pellegrinaġġ.

Public transport may be affected from 6.30 p.m. till 8.00 p.m.

Pietà/Floriana/Ħamrun/Msida

On Saturday, 3rd June, 2023, closure of streets from 9.30 p.m. till midnight, through Triq l-Indipendenza, Tal-Pietà; Triq W. Bonnici, Floriana;Triq Sa Maison, Floriana, Triq Marina, Tal-Pietà; Triq Joe Gasan, Ħamrun; Notre Dame Ditch, Floriana; Xatt it-Tiben, Floriana/Tal-Pietà; Misraħ Ġużè Ellul, Msida; and Xatt tal-Imsida,

On Saturday 3rd June clearance of streets, from 6.00 p.m. till midnight, through Sa Maison Hill, Floriana.

Public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

25th April, 2023

POLICE NOTICE

No. 75

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets

jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

San Ġwann

Minn nhar it-Tnejn, 29 ta' Mejju, 2023, sa nhar il-Ħadd, 3 ta' Ġunju, 2023, mis-7.00 a.m. sal-11.00 p.m., minn Triq ir-Russett, quddiem l-Urban Valley Resort.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-25 ta' April, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 61 tal-2023

Logħob tan-Nar mill-Breakwater f'Buġibba

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jsir spettaklu ta' logħob tan-nar mill-Breakwater f'Buġibba nhar l-Erbgħa, 26 ta' April, 2023, li jibda fid-9.15 p.m. u jintemm għall-ħabta tal-10.30 p.m. Il-logħob tan-nar se jkun iċċentrat fil-Punt A (kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)) fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja:

Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
35° 57'.091	14° 24'.438

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-baħħara huma avżati biex iżommu 90m 'l bogħod minn punt A, fid-dati u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq.

Kwalunkwe dgħajjes irmiġġati fiż-żona murija fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) għandhom jitneħħew matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq.

Il-breakwater mhux se jkun aċċessibbli mit-8.00 p.m. sal-11.00 p.m.

Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata mill-logħob tan-nar lil xi bastiment jew proprjetà oħra, kemm jekk tali bastiment jew proprjetà titħalla fiż-żona ta' sigurtà ta' 90m, jew barra dik iż-żona ta' sigurtà, mill-punt minn fejn jinħaraq il-logħob tan-nar.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjali tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 211

Il-25 ta' April, 2023

mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

San Ġwann

From Monday, 29th May, 2023, till Sunday, 3rd June, 2023, from 7.00 a.m. till 11.00 p.m., through Triq ir-Russett, in front of Urban Valley Resort.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

25th April, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 61 of 2023

Fireworks Display from the Breakwater at Buġibba

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, hereby notifies mariners that a fireworks display will be held from the Breakwater at Buġibba on Wednesday 26th April, 2023, commencing at 9.15 p.m. and ending at around 10.30 p.m. The display will be centred at Point A (as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)) in the approximate following position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 57'.091	14° 24'.438

In view of the above, mariners are advised to keep 90m away from point A, on the above-mentioned dates and times.

Any boats berthed or moored within the area shown on the attached chart are to be removed during the above-mentioned dates and times.

The breakwater will not be accessible from 8.00 p.m. till 11.00 p.m.

Transport Malta will accept no liability whatsoever for any damage caused by the firework displays to any vessel or other property, whether such vessel or property is left within the 90m safety zone, or outside such safety zone, from the point from which the fireworks are let off.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any Enforcement Officers on site.

Chart affected: BA 211

25th April, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 62 tal-2023

Għawma minn Ħondoq ir-Rummien, Għawdex, sar-Ramla tal-Qortin, Malta

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se ssir għawma minn Ħondoq ir-Rummien, Għawdex, sar-Ramla tal-Qortin, Malta, nhar it-Tnejn, l-1 ta' Mejju, 2023.

L-għawwiema se jitilqu minn Ħondoq ir-Rummien, Għawdex (punt A) f'bejn wieħed u ieħor it-8.00 a.m. u jispiċċaw fir-Ramla tal-Qortin, Malta (punt F) f'bejn wieħed u ieħor il-11.00 a.m. Huma se jkunu qed isegwu r-rotta tul il-punti A, B, C, D, E, u F kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Tliet RHIBs u jott se jakkumpanjaw lill-għawwiema.

Il-Fliegu ta' Għawdex se jkun ristrett għan-navigazzjoni mit-8.00 a.m. sad-9.15 a.m. u l-Fliegu ta' Kemmuna se jkun ristrett għan-navigazzjoni mid-9.00 a.m. sal-11.00 a.m.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti, jinnavigaw b'veloċità baxxa (mingħajr rima) u jżommu 'l bogħod sew miż-żona matul il-ħin stipulat u jagħtu lill-għawwiema u lill-bastimenti ta' appoġġ spazju wiesa'.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw mill-qrib kwalunkwe struzzjonijiet maħruġa fuq VHF Channel 12 u/jew 14 minn Valletta VTS u mill-uffiċjali tal-infurzar marittimu fiż-żona.

Charts affettwati: BA 211A, 2537

Il-25 ta' April, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 63 tal-2023

Xogħlijiet b'rabta mal-Buġibba Breakwater il-ġdid – xogħlijiet ta' tħammil u kostruzzjoni

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u lill-pubbliku ġenerali li x-xogħol ta' tħammil u kostruzzjoni, b'rabta mal-Buġibba Breakwater il-ġdid se jibda nhar l-Erbgħa, 26 ta' April, 2023, u jdum sa avviż ieħor.

It-tħammil se jinqasam fi tliet fażijiet kif jidher fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 62 of 2023

Swim from Ħondoq ir-Rummien, Gozo, to Ir-Ramla tal-Qortin, Malta

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, hereby notifies mariners that a swim from Ħondoq ir-Rummien, Gozo, to Ir-Ramla tal-Qortin, Malta, will be held on Monday, 1st May, 2023.

The swimmers will depart from Hondoq ir-Rummien, Gozo (point A) at approximately 8.00 a.m. and finish at Ir-Ramla tal-Qortin, Malta (point F) at approximately 11.00 a.m. They will be following the route along the points A, B, C, D, E, and F as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Three RHIBs and a yacht will be accompanying the swimmers.

Il-Fliegu ta' Għawdex will be restricted to navigation from 8.00 a.m. till 9.15 a.m. and Il-Fliegu ta' Kemmuna will be restricted to navigation from 9.00 a.m. till 11.00 a.m.

Mariners are advised to keep a sharp lookout, navigate at slow speed (no wake) and keep well clear of the area during the stipulated time and giving the swimmers and the support vessels, a wide berth.

All mariners are to adhere closely to any instructions issued by on VHF Channel 12 and/or 14 by Valletta VTS and by the maritime enforcement assets in the area.

Charts affected: BA 211A, 2537

25th April, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 63 of 2023

Works in connection with the new Buġibba Breakwater – dredging and construction works

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, hereby notifies mariners and the general public that dredging and constructions, work in connection with the new Buġibba Breakwater will commence on Wednesday, 26th April, 2023, and lasting until further notice.

The dredging works will be split in three phases as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

It-tħammil fl-ewwel fażi se jibda nhar l-Erbgħa, 26 ta' April, 2023, u jitlesta sat-Tlieta, 16 ta' Mejju, 2023;

It-tħammil fit-tieni fażi se jibda nhar l-Erbgħa, 17 ta' Mejju, 2023, u jitlesta sat-Tlieta, 6 ta' Ġunju, 2023;

It-tħammil fit-tielet fażi se jibda nhar l-Erbgħa, 7 ta' Ġunju, 2023, u jitlesta sat-Tlieta, 27 ta' Ġunju, 2023.

Matul ix-xogħol ta' tħammil u kostruzzjoni, jiddependi mill-post fejn ikun qed isir ix-xogħol, sezzjonijiet tal-breakwater ma jkunux aċċessibbli. Barra minn hekk, matul ix-xogħlijiet, iż-żona għandha tinżamm libera u l-bastimenti kollha fiż-żona għandhom jitneħħew. Kwalunkwe bastiment u rmiġġ li jitħallew fiż-żona wara d-data stipulata jitneħħew bi spejjeż ta' sidhom. L-Awtorità ma taċċetta ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara li tista' tiġi kkawżata waqt li jitneħħew l-imsemmija bastimenti u rmiġġi.

Il-bastimenti involuti fix-xogħlijiet tat-tħammil u kostruzzjoni għandhom jingħataw spazju wiesa'. Dawn se jesibixxu d-dwal u l-forom xierqa skont ir-rekwiżiti tar-Regoli Internazzjonali għall-Prevenzjoni ta' Kolliżjonijiet fuq il-Baħar (COLREGS) 1972.

Fl-istess ħin mat-tħammil, se jibdew xogħlijiet oħra ta' kostruzzjoni.

Il-baħħara u l-operaturi tal-bastimenti għandhom jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa (mingħajr rima) meta jkunu fil-viċinanza. Huma għandhom jikkoperaw mal-kuntrattur fuq il-post.

Il-baħħara għandhom josservaw l-istruzzjonijiet maħruġa fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u kwalunkwe uffiċjali tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 211

Il-25 ta' April, 2023

Dredging in phase 1, will commence on Wednesday, 26th April, 2023, and be completed by Tuesday, 16th May, 2023;

Dredging in phase 2, will commence on Wednesday, 17th May, 2023, and be completed by Tuesday, 6th June, 2023;

Dredging in phase 3, will commence on Wednesday, 7th June, 2023, and be completed by Tuesday, 27th June, 2023.

During the dredging and construction work, dependant on the location where the work is being carried out, sections of the breakwater will not be accessible. In addition, during these works, the area is to be kept clear and all vessels within the area are to be removed. Any vessels and moorings that are left in the area after the stipulated date will be removed at the expense of their owner. No liability whatsover will be accepted by the Authority for any damage that may be caused while removing the said vessels and moorings.

The vessels engaged in the dredging and construction work are to be given a wide berth. These will be exhibiting the appropriate lights and shapes in accordance with the requirements of the International Regulations for the Prevention of Collisions at Sea (COLREGS) 1972.

While dredging work are being out other construction works will start concurrently.

Mariners and vessel operators are to navigate with caution and at slow speed (no wake) when in the vicinity. They are to co-operate with the contractor on site.

Mariners are to comply with instructions issued on VHF Channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and any enforcement officers on site.

Chart affected: BA 211

25th April, 2023

AĠENZIJA KULTURALI GĦALL-BELT VALLETTA

Sejħa għal Servizzi ta' Kordinatur tal-Amministrazzjoni tal-Ipprogrammar

Sejħa għall-applikazzjonijiet għal kandidati biex jaqdu dmirijiet bħala Kordinatur tal-Amministrazzjoni tal-Ipprogrammar fl-Aġenzija Kulturali tal-Belt Valletta (VCA)

Nomenklaturi li jindikaw is-sess maskili jinkludu wkoll is-sess femminili.

Is-servizzi ta' Kordinatur tal-Amministrazzjoni tal-Ipprogrammar huma meħtieġa fil-VCA, b'bidu minn Marzu 2023, b'medja ta' 40 siegħa ta' servizz fil-ġimgħa.

VALLETTA CULTURAL AGENCY

Call for Programming Administration Coordinator Services

Call for applications to perform duties as Programming Administration Coordinator at the Valletta Cultural Agency (VCA)

Nomenclatures denoting the male gender also include the female gender.

The services of a Programming Administration Coordinator are required at the VCA, starting from March 2023, with an average of 40 hours of service per week.

Il-kandidat li jintgħażel jidħol f'Kuntratt għal Servizz għal perjodu ta' sitta u tletin (36) xahar. Is-servizz jitħallas €14 (eskluża l-VAT) fis-siegħa, b'medja ta' 40 siegħa fil-ġimgħa ta' servizz meħtieġ. Il-valur totali tal-kuntratt mhux se jaqbeż €96,096 (eskluża l-VAT) fuq tliet snin. Kwalunkwe taxxi jew ħlasijiet oħra għandhom jitħallsu mill-kandidat li jintgħażel.

The successful candidate shall enter into a Contract for Service for a period of thirty-six (36) months. The service shall be remunerated at €14 (excluding VAT) per hour, with an average of 40 hours per week of required service. The total contract value will not exceed €96,096 (excluding VAT) over three years. Any other taxes or charges shall be borne by the successful candidate.

L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta

Il-VCA hija entità tal-Gvern li ssostni u ssaħħaħ il-ħajja kulturali vibranti tal-Belt Kapitali permezz tal-ħolqien ta' programm annwali ta' avvenimenti kreattivi żviluppati b'kollaborazzjoni ma' artisti u Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi oħra. Legat tal-Fondazzjoni Valletta 2018, il-VCA ssostni wkoll standards ta' eċċellenza fil-kordinazzjoni u l-organizzazzjoni ta' avvenimenti kulturali fil-Belt, filwaqt li tinkoraġġixxi aċċess u parteċipazzjoni minn udjenza diversa.

The Valletta Cultural Agency

The VCA is a Government entity that sustains and strengthens the Capital City's vibrant cultural life through the creation of an annual programme of creative events developed in collaboration with artists and other Public Cultural Organisations. A legacy of the Valletta 2018 Foundation, the VCA also upholds standards of excellence in the coordination and organisation of cultural events in the city, while encouraging access and participation by a diverse audience.

Servizzi Meħtieġa

Il-Kordinatur tal-Amministrazzjoni tal-Ipprogrammar se jifforma parti mid-Dipartiment tal-Ipprogrammar tal-VCA u jkun qed jaħdem taħt is-superviżjoni tal-Kap tal-Ipprogrammar u l-Produzzjoni u l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv. Id-dmirijiet ewlenin tal-Kordinatur tal-Amministrazzjoni tal-Ipprogrammar huma:

Services Required

The Programming Administration Coordinator will form part of the Programming Department of the VCA and will be working under the supervision of the Head of Programming and Production and the Chief Executive Officer. The main duties of the Programming Administration Coordinator are:

Għajnuna lid-Dipartiment tal-Ipprogrammar u l-Produzzjoni fil-funzjonijiet tiegħu;

Assisting the Programming and Production Department in its functions;

Għajnuna fi kwistjonijiet ta' amministrazzjoni ġenerali inkluż iżda mhux limitat għall-ġestjoni ta' skedi, abbozzar preliminari ta' kuntratti u tbassir ta' baġits;

Assisting in matters of general administration including but not limited to the management of schedules, preliminary drafting of contracts and forecasting of budgets;

Il-ġestjoni u l-aġġornament tad-dokumentazzjoni elettronika u fiżika kollha meħtieġa direttament relatata mad-Dipartiment tal-Ipprogrammar u l-Produzzjoni;

Managing and updating all necessary electronic and paper documentation directly related to the Programming and Production Department;

Il-ġestjoni tat-talbiet għall-komunikazzjoni mad-Dipartiment tal-Ipprogrammar u l-Produzzjoni u t-trasferiment tal-komunikazzjoni kif meħtieġ inkluż l-iskrinjar ta' telefonati, mistoqsijiet u talbiet;

Managing requests for communication with the Programming & Production Department and relaying communication as necessary including screening phone calls, enquiries and requests;

Il-ġbir, l-organizzar u s-segwitu ta' informazzjoni relatata mal-assigurazzjoni, ftehimiet, il-kontabbiltà u proċeduri;

Collating, compiling and following up on information related to insurance, agreements, accounting and procedure;

Ħidma ma' diversi partijiet interessati u diversi organizzazzjonijiet esterni kif meħtieġ;

Liaising with multiple stakeholders and various external organisations as necessary;

Attendenza f'kumitati u laqgħat kif meħtieġ mir-rwol;

Attending committees and meetings as required by the role;

It-teħid tal-minuti tal-laqgħat li jattendu u li saru u kwalunkwe rappurtar wara;

Minute taking of meetings attended and conducted and any reporting thereafter;

Il-kitba ta' rapporti u t-tħejjija ta' preżentazzjonijiet kif meħtieġ;

Arranġamenti għall-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni għad-Dipartiment tal-Ipprogrammar u l-Produzzjoni kif meħtieġ;

Rappurtar meta mitlub lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv u/jew iċ-Chairman tal-VCA.

Kwalifiki u Esperjenza Meħtieġa

L-applikanti interessati jridu jkunu fil-pussess tal-kwalifiki u/jew ċertifikati li ġejjin:

Kwalifika fil-grad ta' Masters fil-Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li jibdew minn Ottubru 2008) f'suġġett relatat mal-Management/Xjenzi Soċjali/Studji Umanistiċi, flimkien ma' sena (1) esperjenza ta' xogħol rilevanti.

jew

Kwalifika fi grad ta' Baċellerat f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li jibdew minn Ottubru 2003) f'suġġett relatat mal-Management/Xjenzi Soċjali/Studji Umanistiċi, flimkien ma' tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

jew

Kwalifika fi grad ta' Diploma f'Livell 5 tal-MQF f'suġġett relatat mal-Management/Xjenzi Soċjali/Studji Umanistiċi, flimkien ma' ħames (5) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

Il-kwalifiki u l-esperjenza mitluba għandhom ikunu sostnuti minn ċertifikati u/jew testimonjanzi, li kopji tagħhom għandhom ikunu mehmuża mal-applikazzjoni jew mibgħuta separatament lill-Kap tal-HR Management fl-indirizz: Valletta Cultural Agency, Exchange Buildings, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, jew permezz ta' ittra elettronika lil (hr@vca.gov.mt) sa mhux aktar tard mid-data u l-ħin tal-għeluq.

Iċ-ċertifikati oriġinali u/jew it-testimonjanzi għandhom jiġu ppreżentati invarjabbilment għall-verifika waqt l-intervista.

Applikazzjonijiet

L-applikanti interessati huma mitluba jibagħtu ittra ta' motivazzjoni indirizzata lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, flimkien ma' dokument li jagħti spjegazzjoni qasira u metodoloġija dwar kif beħsiebhom jilħqu l-għanijiet stabbiliti fit-taqsima intitolata 'Servizzi Meħtieġa'. Dawn id-dokumenti, flimkien ma' CV u kopji taċ-ċertifikati, għandhom jintbagħtu permezz

Writing reports and preparing presentations as necessary;

Making travel and accommodation arrangements for the Programming and Production Department as necessary;

Reporting when requested to the Chief Executive Officer and/or the Chairman of the VCA.

Qualifications and Experience Required

Interested applicants must be in possession of the following qualifications and/or certificates:

Masters qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008) in a subject related to Management / Social Sciences / the Humanities, plus one (1) year relevant work experience.

or

Bachelors qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) in a subject related to Management/Social Sciences/the Humanities, plus three (3) years relevant work experience.

or

Diploma's qualification at MQF Level 5 in a subject related to Management/Social Sciences/the Humanities, plus five (5) years relevant work experience.

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application or sent separately to the Head of HR Management at Valletta Cultural Agency, Exchange Buildings, Triq ir-Repubblika, Valletta, or by email to (hr@vca.gov.mt) by not later than the closing date and time.

Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Applications

Interested applicants are required to send a motivation letter addressed to the Chief Executive Officer, together with a document outlining a brief explanation and methodology on how they are to achieve the objectives laid out in the section entitled 'Services Required'. These documents, together with a CV and copies of certificates, are to be sent

ta' ittra elettronika lil (hr.vca@vca.gov.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ħamis, 11 ta' Mejju, 2023. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

L-applikanti magħżula jintalbu jattendu għal intervista, li tista' ssir online. L-applikanti eliġibbli jiġu intervistati minn bord tal-għażla biex tiġi evalwata l-abbiltà tagħhom biex iwettqu d-dmirijiet imsemmija hawn fuq.

L-għażla finali se ssir fuq mertu tekniku, u tkun ibbażata fuq analiżi tad-dokumentazzjoni sottomessa skont ir-rekwiżiti ta' din is-sejħa u fuq ir-riżultat tal-intervista.

Il-25 ta' April, 2023

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

Espressjoni ta' Interess

Aġenżija Żgħażagħ tgħarraf li l-Fondazzjoni Right to Smile qed tistieden applikanti għall-espressjoni ta' interess għal wieħed miż-żewġ rwoli ta' hawn taħt. Dettalji sħaħ u speċifikazzjonijiet tax-xogħol jistgħu jitniżżlu permezz tal-ħoloq ta' hawn taħt:

Youth and Community Worker (kuntratt għal servizz) fuq bażi każwali: (http://right2smile.com/2023/04/20/youth-community-worker/);

Kordinatur tal-Midja Soċjali (kuntratt għal servizz) fuq bażi każwali: (http://right2smile.com/2023/04/20/social-media-coordinator/)'

Applikazzjonijiet u Curriculum Vitae inklużi kwalifiki u esperjenza ta' xogħol għandhom jintbagħtu għall-attenzjoni ta' Maria Attard fuq (contact@right2smile.org) sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 5 ta' Mejju, 2023.

Applikazzjonijiet tard ma jiġux ikkunsidrati.

Dan il-post battal sar disponibbli permezz tal-Invest Funding b'kollaborazzjoni ma' Aġenzija Żgħażagħ.

Il-25 ta' April, 2023

KUNSILL LOKALI BORMLA

Post ta' Bibljotekarju fil-Librerija ta' Bormla

Il-Malta Libraries u l-Kunsill Lokali Bormla jilqgħu applikazzjonijiet (ittra ta' applikazzjoni flimkien mal-curriculum vitae) fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Bormla sa nofsinhar tat-Tlieta, 9 ta' Mejju, 2023 , għal Bibljotekarju fil-librerija ta' Bormla.

by email on: (hr.vca@vca.gov.mt) by not later than noon (Central European Time) of Thursday, 11th May, 2023. Late applications will not be considered.

Shortlisted applicants will be asked to sit for an interview, which may be conducted over the internet. Eligible applicants will be interviewed by a selection board to assess their suitability to carry out the duties mentioned above.

The final selection shall be made on technical merit. It will be based on an analysis of the submitted documentation in line with the requirements of this call and on the outcome of the interview.

25th April, 2023

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

Expression of Interest

Aġenżija Żgħażagħ notifies that Right to Smile Foundation is inviting applications for the Expression of Interest in any of the below two roles. Full details and job specifications can be downloaded through the links below:

Youth and Community Worker (contract for service) on a casual basis: (http://right2smile.com/2023/04/20/youth-community-worker/);

Social Media Coordinator (contract for service) on a casual basis: (http://right2smile.com/2023/04/20/social-media-coordinator/).

Applications and a Curriculum Vitae including qualifications and work experience are to be sent to the attention of Maria Attard at (contact@right2smile.org) by not later than Friday, 5th May, 2023.

Late applications will not be considered.

This vacancy has been made available through Invest Funding in collaboration with Aġenzija Żgħażagħ.

25th April, 2023

BORMLA LOCAL COUNCIL

Post of Branch Librarian at the Bormla Branch Library

Malta Libraries and the Bormla Local Council are receiving applications (letter of application together with the curriculum vitae) at the Bormla Local Council's office up till noon of Tuesday, 9th May, 2023, for the post of Branch Librarian at the Bormla Branch Library.

Aktar dettalji dwar din is-sejħa, inkluż ir-rekwiżiti, persuni eligibbli kif ukoll sigħat ta' xogħol jistgħu jinkisbu mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill permezz ta' ittra elettronika lil (bormla.lc@gov.mt).

Il-25 ta' April, 2023

KUNSILL LOKALI GŻIRA

Post ta' Skrivan (Skala 15)
mal-Kunsill Lokali l-Gżira

Numru tal-Permess ta'Jobsplus: 303/2023

Il-Kunsill Lokali l-Gżira jinforma li l-post ta' Skrivan full-time (Skala 15) huwa vakanti.

Skont Kapitlu 363.20 Artiklu 14 (3)(b)(i) tal-Liġijiet ta' Malta, l-applikanti għandu jkollhom:

Grad 1-5, Grad C jew livell komparabbli f'ħames (5) suġġetti f'Livell 3 tal-MQF, li għandhom jinkludu l-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u IT Office Applications Skills; jew

Kwalifika vokazzjonali sħiħa f'Livell 3 tal-MQF, jew il-kwalifika ta' Ċertifikat u Profil tal-Iskola Sekondarja f'Livell 3 tal-MQF, f'ħames (5) suġġetti li għandhom jinkludu l-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u IT Office Applications Skills;

Kondotta ta' Pulizija nadifa

Etiċi, b'manjieri tajbin u ppreżentati

Kull wieħed mill-kriterji li ġejjin jitqies ukoll:

Użu profiċjenti tal-midja soċjali,
Livell Avvanzat tal-ECDL,
Ħila li jifhem/jitkellem lingwi oħra (eż. Taljan),
Taħriġ/esperjenza fil-Customer Care,
Taħriġ/esperjenza ta' receptionist bit-telefown,
Kwalifiki professjonali tal-ICT,
Ambizzjuż li jaħdem, jitgħallem u jimxi fi gradi ogħla.

Il-Kunsill Lokali l-Gżira jadotta l-ugwaljanza bejn is-sessi u jinvesti fil-kapital uman tiegħu billi jadotta prinċipji sodi ta' Żvilupp tar-Riżorsi Umani. Il-kandidati huma mistennija jaħdmu fuq bażi ta' 'back to back' fil-ħinijiet operativi tal-Kunsill kif stabbilit mil-liġi mit-Tnejn sal-Ġimgħa u jistgħu jkunu meħtieġa jaħdmu s-Sibt filgħodu mit-8.00 a.m. sa nofsinhar.

Is-Sindku
(Vacanza Skrivan)
Kunsill Lokali l-Gżira
283/1, Triq D'Argens
Il-Gżira

Further details regarding this call for applications, including the requisites, eligible persons and minimum working hours can be obtained from the Council's Executive Secretary via email to (bormla.lc@gov.mt).

25th April, 2023

GŻIRA LOCAL COUNCIL

Vacancy for Clerk (Scale 15)
with the Gżira Local Council

Jobsplus Permit Number: 303/2023

A vacancy has arisen within the Gżira Local Council for the post of full-time Clerk (Scale 15).

As per Chapter 363.20 Article 14 (3)(b)(i) of the Laws of Malta, and deployment in the Council's front office, candidates should have the following:

Grade 1-5, Grade C or equivalent level in five (5) subjects at Level 3 of MQF, which shall include Maltese, English, Mathematics and IT Office Application skills; or

A full vocational qualification at Level 3 of MQF, or the qualification of a Secondary School Certificate and Profile at Level 3 of MQF, in five (5) subjects which must include Maltese, English, Mathematics and IT Office Applications Skills;

Clean Police conduct

Ethical, well-mannered, and presented

Any of the following criteria will be considered a plus:

Proficient use of social media,
ECDL Advanced,
Ability to understand/speak other languages (e.g. Italian),
Customer Care training/experience,
Telephone receptionist training/experience,
ICT professional qualifications,
Ambitious to work, learn and progress to higher grades.

As an employer, the Gżira Local Council adopts gender equality and invests in its human capital by adopting sound principles of Human Resource Development. Candidates are expected to work on a back to back bases within the Council operating hours as established by law from Monday to Friday and might be required to work on Saturday mornings from 8.00 a.m. till noon.

The Mayor
(Vacancy Clerk)
Il-Gżira Local Council
283/1, Triq D'Argens
Gżira

L-applikazzjoni tista' tintbagħat bil-posta jew titwassal fil-Kunsill f'envelop issiġillat sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, 10 ta' Mejju, 2023.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jkunux ikkunsidrati.

Il-25 ta' April, 2023

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

Aġġornament tal-Mappa Bażi 2018

L-Awtorità tal-Ippjanar tgħarraf li qiegħda twettaq aġġornament tal-mappa bażi. Għaldaqstant se jsiru stħarriġ permezz ta' droni f'din il-lokalità kif indikat:

Ħal Balzan u Ħal Lija – mit-Tnejn, 24 ta' April sal-Ġimgħa, 19 ta' Mejju, 2023.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb permezz ta' talba fl-indirizz elettroniku (geomatics@pa.org.mt).

Il-25 ta' April, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttieħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-compound ta' Transport Malta.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sat-2 ta' Mejju, 2023, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numri tat-telefown 2555 5446/70/97, bejn is-7.30 a.m. sa nofsinhar, jew billi permezz ta' ittra elettronika lil (auctions.tm@transport.gov.mt).

Applications may be sent by post or delivered at the above address in a sealed envelope by noon of Wednesday, 10th May, 2023.

Late applications will not be considered.

25th April, 2023

PLANNING AUTHORITY

Update to the 2018 Basemap

The Planning Authority notifies that it is undertaking an update to the 2018 Basemap. To this extent it will be carrying out surveys by means of drones in the following locality on the respective dates:

Ħal Balzan and Ħal Lija – from Monday, 24th April till Friday, 19th May, 2023.

Any queries should be directed to (geomatics@pa.org.mt).

25th April, 2023

TRANSPORT MALTA

Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations SL.65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicle. The vehicles are currently being stored at Transport Malta's compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and upon payment of the applicable registration tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by 2nd May, 2023, will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained by telephone numbers 2555 5446/70/97, between 7.30 a.m. and noon, or by sending an email to (auctions.tm@transport.gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru. tar-Reġistrazzjoni/ Chassis *Registration/Chassis No.*	Lokalità ta' Tneħħija *Locality of Removal*
Kymco	People	Aħmar	HBA429	Tas-Sliema
Fiat	Panda	Griż	FM259GS	Ix-Xewkija
Ford	Transit	Abjad	BF582YJ	Ix-Xewkija
Honda	Accord	Iswed	BCS852	Paceville
Mercedes Benz	E-class	Iswed	BA579CB	Paceville
Kia	Rio	Aħdar	BBW282	San Ġiljan
Iveco	Turbo Daily	Aħdar	AE294SX	Il-Ħamrun
Suzuki	GSX-S	Blu	ECE539	San Ġiljan
Renault	Kadjar	Aħmar	JNU138	MIA (il-Gudja)
Subaru	E12	Aħdar	HAB653	Ir-Rabat, Għawdex
Fiat	Punto	Abjad	ABM964	Il-Mosta
Shansu	City Coco	Iswed	R36CP1000LA009071	Santa Venera

Il-25 ta' April, 2023

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI

Notifikazzjoni ta' Konċentrazzjoni

Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni jgħarraf lill-pubbliku illi skont ir-regolament 5(4) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet, 2002, ippubblikati fl-Avviż Legali 294 tal-2002, li notifikazzjoni ta' konċentrazzjoni bejn Joinwell Limited (Ħal Qormi, Malta) u FXB Investments Limited (Ix-Xewkija, Malta), ġiet ippreżentata nhar l-Erbgħa, 19 ta' April, 2023.

In-natura tal-konċentrazzjoni hija amalgamazzjoni bejn Joinwell Limited u l-ishma ta' FXB Investments Limited fit-tliet kumpaniji tagħha: (i) F.X. Borg Furniture Limited; (ii) Econetique Limited; u (iii) The Bath Concept Limited, f'kumpanija privata ġdida rreġistrata f'Malta.

Joinwell Limited hija kumpanija li ġiet inkorporata u mwaqqfa f'Malta fl-1947. Joinwell Limited timporta diversi ditti ta' għamara mill-Ewropa u hi prinċipalment involuta fil-bejgħ bl-imnut ta' kċejjen, kmamar tas-sodda u manifattura personalizzata għall-klijenti. FXB Investments Limited ġiet inkorporata fl-1970 u hija involuta fil-manifattura u bejgħ bl-imnut ta' għamara domestika u dik kuntrattwali. Apparti mill-għamara, l-FXB Group jinkludi wkoll Econetique li hija kumpanija tal-enerġija rinnovabbli u Bath Concept Ltd bit-trademark tagħha WaterArt.

Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni jistieden lil terzi interessati sabiex jissottomettu l-oġġezzjonijiet tagħhom bil-miktub dwar din il-konċentrazzjoni notifikata fi żmien sebat ijiem mill-pubblikazzjoni ta' din in-notifika f'dan l-indirizz:

25th April, 2023

OFFICE FOR COMPETITION

Notification of Concentration

In terms of regulation 5(4) of the Control of Concentrations Regulations, 2002 published in Legal Notice 294 of 2002, the Director General of the Office for Competition notifies for general information that a notification of a concentration between Joinwell Limited (Ħal Qormi, Malta) and FXB Investments Limited (Ix-Xewkija, Malta), was filed on Wednesday, 19th April, 2023.

The nature of the concentration is a merger between Joinwell Limited and the shares held by FXB Investments Limited in its three undertakings: (i) F.X. Borg Furniture Limited; (ii) Econetique Limited; and (iii) The Bath Concept Limited, into a newly created limited liability company in Malta.

